PLURIBUS PARENS

Minuti tat-tlieta u tletin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali l-Gudja li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (uffiċċju temporanju fil-Librerija G. Zammit) nhar it-Tlieta 23 ta' Settembru 2014 fis-5.45pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti:- | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsillieri: | Mark Anthony Sammut,<br>Demelsa Grech u<br>Stefan Caruana |
| | Ambaxxatriċi Lokali<br>taż-Żgħażagħ: | Melanie Bugeja |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Joseph M. Formosa |

**Aġenda:-**

1. Approvazzjoni ta' minuti:-
    a. Minuti 32/7

2. Kommunikazzjonijiet:-
    a. Sindku
    b. Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri:
        i. Viċi Sindku
        ii. Kunsillieri
    c. Korrispondenza

3. Rapporti:-
    a. Ilmenti

4. Xogħlijiet u Progress – Triq Ħal Safi u bankina

5. Playing field fi Ġnien Raymond Caruana – Progress u Kontijiet

6. Finanzi:-
    a. Petty Cash;
    b. Skeda ta' Pagamenti;
    c. Talbiet għal xiri u xogħlijiet

7. Għeluq tal-laqgħa u aġġornament

Ftuħ tal-laqgħa

Il-laqgħa bidet fis-5.50pm wara talba qasir minn dawk kollha peżenti.

## 1.0 Approvazzjoni ta' minuti

1.1 Il-minuti tal-laqgħa 32/7 li saret fid-19 ta' Awwissu 2014 ġew ċirkulati għand il-kunsillieri kollha qabel il-laqgħa. Dawn il-minuti ġew meħuda bħala maqrija u wara ġew approvati nem con.

1.2 Affarijiet li tqajmu mill-minuti.

1.2.1 Attivitajiet fil-programm "Erba' Staġuni". Is-Sur Caruana qal li fit-08 ta' Novembru sejjer ikun hemm attività bl-isem ta' "Bir Miftuħ ta' matul iż-żmien".

1.2.2 Kunċerti fid-09, fis-16, fit-23 u fit-30 ta' Novembru 2014. Is-Sur Caruana qal li l-powster ta' promozzjoni sejjer juri ċar li dawn l-attivitajiet sejrin jittellgħu bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali l-Gudja iżda l-Kunsill mhux sejjer jidħol fl-ebda spejjeż. Is-Sur Caruana qal li ċ-Chamber Music Society Malta qed jitolbu li jkun hemm donazzjoni ta' €20.00 (block ticket) minn kull min jattendi għal dawn il-kunċerti. Din id-donazzjoni tkun ta' €20.00 tkun tkopri l-erba' kuċerti. Din id-donazzjoni sejra tmur għand l-organizzaturi li huma Chamber Music Society Malta. Il-Kunsill m'għandu x'jaqsam xejn mad-dħul minn din id-donazzjoni. Il-biljetti jistgħu wkoll jinġabru mill-uffiċċju tal-Kunsill.

## 2.0 Kommunikazzjonijiet

2.1.0 Sindku

2.1.1 Konferenza stampa mir-Reġjun Nofsinhar:- 1. Għotja ta' defibrillator (magna tal-qalb) u ii. Partċipazzjoni ta' team ta' sportivi żgħażagħ. Is-Sindku qal li r-Reġjun sejjer jorganizza din l-attività li sejra tkun taħt il-partronċinju tal-Presidenti ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca. Għal din l-attività hemm il-ħsieb li grupp ta' sportivi żgħażagħ jipparteċipaw f'isem il-Gudja. Il-Kunsill qabel li jħallas it-trasport.

Saret diskussjoni ta' fejn l-aħjar jinżamm dan id-difibrillator. Hemm posibilità ta' tliet postijiet:-

i. il-Kulleġġ San Benedittu Skola Primarja Gudja
ii. grawnd tal-Gudja United FC
iii fil-pjazza tal-Gudja

Peress li dan l-apparat jeħtieġ li jkun hemm taħriġ dwar l-użu u li dan l-apparat ikun disponibbli kif u meta jinqala inċident il-Kunsill qabel li għandu jara l-aħjar post li jinżamm u jingħata dan l-apparat. Hemm possibiltà kbira li dan id-defibrillator jingħata lill-Gudja United FC u f'dan il-każ issir ftehim (bil-miktub) mal-Kunsill Lokali l-Gudja.

2.1.2 Inċident fl-uffiċċju tal-Ombudsman – għajnuna tal-Avukat tal-Kunsill Dr. Pawlu Lia. Is-Sindku qal li waqt laqgħa kif imsejħa mill-uffiċjal tal-Ombudsman Ms. Lucy Bonello PL, huwa ġie aggrediet mis-Sur Mario Spiteri. Dan il-każ għadda għand il-Pulizija li sejra tressaq lis-Sur Spiteri l-Qorti. Is-Sindku talab u l-Kunsill approva, li huwa jkollu l-assistenza legali ta' Dr. Lia waqt dan il-każ.

2.1.3 Abbuż dwar rimi fl-iskips. Is-Sindku qal li kien ressaq għand il-Pulizija żewġ persuni li kienu qed jarmu xaħx u terrapin fl-iskip li hija għal skop ta' skart domestiku. Is-Sindku qal li għalkemm dawn il-persuni obdew l-ordni tiegħu u ġabru lura dan l-iskart, irriżulta wkoll li l-vettura li biha ġarrew dan l-iskart kienet vettur li uffiċjalment kienet ġiet skrapjata u għalhekk ma setgħetx tinsaq fit-triq għaliex din tkun bla liċenzja u lanqas inxurjata.

Is-Sindku qal li minkejja li ġie avviċinat sabiex jaħfer lil dawn iż-żewġ persuni huwa ma jistax jagħmel dan għaliex diġà bdew jittieħdu passi mill-Pulizija u li ma jistax jibqa' jara u jisma' dwar l-abbużi u vandaliżmu dwar l-iskips imxerdin madwar il-Gudja.

2.1.4 Laqgħa mal-Kummissjoni Persuni d'Dizabilità (KNDP). Is-Sindku qal li fuq talba tal-KNDP saret din il-laqgħa fl-uffiċċju tagħhom ġewwa Santa Venera. Waqt din il-laqgħa ħarġu ħafna punti u ideat dwar kif il-Kunsill ikun jista' jipparteċipa u joffri servizz kemm għal persuni bi bżonnijiet speċjali kif ukoll għal dawk li jkunu magħhom sabiex jagħtu s-sapport meħtieġ.

Il-Kunsill qabel ukoll li jkun hemm sensiela ta' taħdidiet fil-Life Long Learning Centre li għandu l-Kunsill ġewwa SBC Skola Primarja tal-Gudja.

2.2.0 Kommunikazzjonijiet dwar xogħol tad-dekasteri

2.2.1 Viċi Sindku

a. Ftuħ tal-latrini pubbliċi. Is-Sur Baldacchino ġibed l-attenzjoni li minkejja l-ftehim ġie rrapurtat lilu, li f'xi ġranet, dawn qed jinfetħu wara t-tmienja meta dawn għandhom jinfetħu fis-7.00a.m. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur jiġi mwissi dwar dan in-nuqqas u mitlub sabiex jimxi mal-ftehim għaliex fin-nuqqas il-Kunsill jieħu passi kif kontemplati fil-kuntratt.

b. Skips dwar skart domestiku. Is-Sur Baldacchino qal li kien ġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur li mhux aċċettabli li jkompli juża wħud minn dawn l-iskips. Is-Sur Baldacchino qal li l-kuntrattur qabel li jibdel uħud minn dawn l-iskips bi ftehim mal-Kunsill.

c. CCTVs f'postijiet vulnerabbli. Is-Sur Baldacchino qal li kien qed isegwi dawn l-iżviluppi kemm mal-furmituri kif ukoll fir-Reġjun sabiex il-Kunsill jikseb l-aħjar servizz u anke infurzar f'erba' postijiet skont il-prijorità segwenti.

i. Triq Birżebbuġa – ħdejn l-iskips
ii. Triq Joseph Gravina – ħdejn l-iskip (qrib Triq Ħal Tarxien)
iii. Triq Bir Miftuħ – ħdejn l-iskips
iv. Ġnien R. Caruana – ħdejn il-bandli.

Is-Sur Baldacchino qal li s-servizz tas-CCTV ikun jeħtieġ servizz ta' wifi u dawl. Il-Kunsill qabel li japprova dawn l-ispejjeż għaliex fil-fehma tal-Kunsill is-servizz ta' CCTV huwa meħtieġ għaliex dan jgħin l-infurzar tal-liġi speċjalment favur l-ambjent.

d. Pjazzetta – Qalb ta' Ġesù biswit Triq Bir Miftuħ. Qtugħ ta' siġar tal-ficus. Is-Sur Baldacchino qal li 2 siġriet tal-ficus f'din il-pjazzetta qed jagħmlu ħsara kbira. Għalhekk jitlob lill-ELC sabiex jagħmlu x-xogħol meħtieġ u b'hekk jiġi protett l-ambjent u li flok dawn is-siġar li jagħmlu tant ħsara jitħawlu siġar tat-tip awrekarja li ssebbaħ l-ambjent.

e. Arranġamenti speċjali mal-kuntratturi fil-ġranet tal-festi ġewwa l-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li l-kuntratturi dwar il-ġbir tal-iskart, latrini, knies kif ukoll tal-ġonna sabiex jaħdmu u jikkordinaw l-ħidma tagħhom mal-Kunsill sabiex jiġi assigurat li l-Gudja tinżamm nadifa u tingħata l-aħjar dehra.

f. Qlugħ ta' tabella – Triq W. Baker katuniera ma' Triq San Mark. Is-Sur Baldacchino qal li din it-tabella qed tkun kawża ta' inkwiet. Il-Kunsill qabel li peress li din it-tabella ma għandha ebda użu din għandha tinqala.

2.2.2 Kunsillieri

a. Mark Anthony Sammut

i. Youth Decide Act – seminar. Is-Sur Sammut qal li dawn is-sensiela ta' attivitajiet waslu fi tmiemhom b'dan is-seminar li fih ipparteċipaw erbatax-il żagħżugħ u żagħżugħa u fejn il-mistieden ewlieni kien Dr. Marc Sant li huwa l-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Sammut qal li ħadu sehem ukoll rappreżentanti tal-Aġenzija Żgħażagħ u l-iżgħar Kunsillier is-Sur Darren Carabott. Is-Sur Sammut qal li saru diversi *workshops* li kienu animati. Sar diskors dwar kif d-Duke of Edinburgh Award scheme tista' tkun ta' għajnuna u tgħin fil-ħajja aħjar għaż-żgħażagħ.

Is-Sur Sammut flimkien mal-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ irringrazzjaw lill-Kunsill u lil kull min għin u ħadem kemm f'dan is-seminar kif ukoll waqt l-attivitjaiet kollha orgnizzati. Kemm is-Sur Sammut kif ukoll Sna. Bugeja talbu u l-Kunsill qabel, li l-proposti taż-żgħażagħ waqt l-aħħar seminar jiġu ntegrati ma' dawn il-minuti mmarkati 'Dok A'.

ii. Kunsill Lokali Żgħażagħ. Is-Sur Sammut kif ukoll Sna Bugeja qalu li qed iħeġġu li jkun hemm mill-anqas 5 żgħażagħ sabiex jiġi ffurmat Kunsill

Lokali taż-Żgħażagħ ġewwa l-Gudja. Il-Kunsill qabel li jkompli jagħti kull inkoraġġament sabiex iż-żgħażagħ jersqu aktar lejn il-Kunsill.

iii. Sports – skema KMS. Is-Sur Sammut qal li l-KMS aċċettat il-proposti tal-Kunsill fi programm li jiswa €8000.00 – li €4000 joħorġu mill-KMS u l-€4000 l-oħra joħorġu mill-Kunsill Lokali l-Gudja. Is-Sur Sammut qal li jkun jista' jagħti aktar tagħrif aktar 'il quddiem. Il-Kunsill approva nefqa ta' €4000 għal dan il-program ta' attivitajiet ta' sport u edukazzjoni sportiva.

iv. Pilates. Is-Sur Sammut qal li l-kors tal-Pilates huwa popolari ħafna. Dawn se jsiru ġewwa l-iSkola Primarja tal-Gudja (meta jkun ir-riħ jew ix-xita jsiru ġewwa s-sala parrokkjali), għall-persuni adulti, Kull nhar ta' Tlieta fis-6.30pm (jibda fis-07 ta' Ottubru 2014). Dawk kollha li huma interessati għandhom jibbukkjaw fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali l-Gudja (li jinsab temporanjament fil-Librerija G. Zammit) sa nhar il-Ġimgħa 03 t'Ottubru 2014. Ħlas - €10.00 mal-applikazzjoni

Il-Kunsill kien wera l-fehma li fil-parti l-kbira tiegħu dan il-kors għandu jsir fl-iskola iżda meta jkun hemm il-ħtieġa dan isir fis-sala tal-Parroċċa. Is-Sur Sammut qal li kien sejjer jara l-pretenzjonijiet tal-Arċipriet meta jkun sejjer joffri s-sala. Is-Sur Sammut qalli meta tintuża s-sala tal-Parroċċa din tista titħallas mill-miżata li sejrin iħallsu l-parteċipanti.

v. Attività bir-roti fil-periferija tal-Gudja. Is-Sur Sammut qal li l-Agones xtaqet li tagħmel din l-attività bil-kollaborazzoni tal-Kunsill Lokali l-Gudja. Għal din l-attività sejrin jattendu madwar 100 persuna u l-Kunsill ikun jista' juri li jkun qed jagħmel użu tajjeb għal periferija ta' Ħal Għaxaq u Birżebbuġa. Din l-attività sejra issir fiż-żmien qasir. Sehem tal-Kunsill hija għoti ta' *trophies* li jiswew €30.00 u jinxtara frott għal parteċipanti għan-nefqa massima ta' €30.00. Kull miżata li tista' tinġabar tmur għal orgnizzaturi li jintrabtu li jżommu l-inħawi nodfa u siguri matul l-attività kif ukoll wara. Il-Kunsill approva dak li ppropona s-Sur Sammut.

vi. *Adventure through the lense:* proġett iffinanzjat minn fondi ewropej. Is-Sur Sammut qal li sar jaf b'dan il-proġett fejn 5 żgħażagħ u 1 jew 2 leaders ikunu jistgħu jipparteċipaw fih. Is-Sur Sammut qal li huwa kien sejjer jerġa jinforma lill Kunsill dwar dan aktar 'il quddiem.

b. Demelsa Grech

i. Ċentru tal-LLL tal-Kunsill. Lezzjonijiet tal-Malti, Ingliż, Matematika u Xjenza bażika. Sna. Grech qalet li ma kienx hemm applikazzjonijiet bizejjed għal dawn il-korsijiet. Il-korsijiet tal-*Gardening*, Ganutell u *Health, Wellbeing and successful ageing* se jsiru kif kien ippjanat mid-Direttorat ta' Tagħlim Matul il-Ħajja.

ii. Laqgħa mal-Kap tal-Iskola Sna. Elizabeth Fenech – Kulleġġ San Benedittu Skola Primarja, il-Gudja. Sna Grech qalet li fuq talba tagħha (ta’ Sna Grech), hija kellha laqgħa ma’ Sna Fenech fejn ġie diskuss kif kemm il-Kunsill kif ukoll l-iskola jkomplu jaħdmu flimkien għal ġid kemm tat-tfal kif ukoll tal-komunità tal-Gudja speċjalment fil-qasam tal-*Life Long Learning*.

Sna Grech qalet li fil-fehma tagħha ma ħareġ xejn definit wara din il-laqgħa.

iii. Ħarġa għal Bird Park ġewwa s-Salini, nhar il-Ħadd 23 ta’ Novembru 2014. Tluq fid-9.00am minn ħdejn il-venda. Sna Grech qalet li l-iskop ta’ din il-ħarġa huwa primarjament edukattiv kemm għat-tfal kif ukoll jofri divertiment f’ambjent sabiħ għal kull min jattendi. Il-prezzijiet huma dawn:-

€10 kbar
€9 anjani (bil-kartanzjan)
€4 tfal (età sa tnax-il sena) taħt l-4 snin b’xejn

Ikun hemm ftira u drink għal kulħadd. Il-Kunsill joħroġ parti susidju għat-tfal kif ukoll jipprovdi trasport bla ħlas.

c. Stefan Caruana

i. Is-Sur Caruana qal li ġie nfurmat dwar żewġ attivitajiet li sejrin jitwettqu dwar il-Heritage Malta.

a. Settembru 2014 – Jannar 2015 li għaliha jistgħu jattendu 50 persuna bi ħlas ta’ €1.00
b. Wirjiet fil-Belt. Bidu f’Diċembru sa Jannar 2015.

Is-Sur Caruana qal li sejjer jagħti aktar dettalji aktar ‘il quddiem. Il-Kunsill qabel li jkompli jagħti s-sostenn tiegħu f’attivitajiet kulturali.

ii. Programm: Bir Miftuħ matul iż-Żmien. 8 ta’ Novembru 2014 mill-4.00pm ‘il quddiem. Is-Sur Caruana qal li xtaq jistieden u jħeġġeġ lil kunsilliera kollha sabiex jattendu li jġibu l-qraba u l-ħbieb għaliex fil-fehma tiegħu din l-attività hija waħda popolari u interessanti. Il-Kunsill qabel li jagħti s-sostenn kif ikun meħtieġ.

***NB:- Sospenzjoni tal-laqgħa***

Fis-7.20pm is-Sindku talab u l-kunsilliera kollha qablu sabiex tiġi sospiża l-laqgħa b’mod temporanju sabiex ir-rappreżentanti tas-Soċjetà Filarmonika La Stella jiddiskutu xi punti dwar permessi tal-gabbani kif maħruġa mill-Kunsill waqt il-ġranet tal-festi.

Fit-7.45pm tkompliet il-laqgħa.

iii. Parteċipazzjoni fil-proġetti tal-V18. Is-Sur Caruana qal li qed isegwi l-aspetti kulturali ta' dan il-proġett sabiex il-Gudja tiġi nkluża u tipparteċipa direttament u anke ma' entitajiet oħra għaliex il-Gudja għandha xi toffri kemm storja, kultura kif ukoll *heritage*.

iv. Milied ta' Dari 2014/2015. Is-Sur Caruana qal li kien qed iħejji programm li jkun fih parteċipazzjoni estiża li jkun jista' jitgawda sew mir-residenti kif ukoll minn kull min jiġi jżur il-Gudja waqt il-ġranet ta' festi.

2.3 Korrispondenza

2.3.1 Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-korrispondenza kemm dik li rċieva kif ukoll dik li ntbagħtet u qabel li jkompli jsewgi fl-aħjar interess tal-Kunsill.

## 3.0 <u>Rapporti</u>

3.1 Ilmenti: Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ilment li rċieva l-Kunsill u ngħata tagħrif dwar tweġibiet u kif aġixxa sabiex dawn l-ilmenti jiġu trattati pożittivament u li min jagħmel l-ilment ikun sodisfatt dwar dak li jwettaq il-Kunsill.

## 4.0 <u>Xogħlijiet u Progress – Triq Ħal Safi u bankina</u>

4.1 Il-Kunsill ġie nfurmat dwar diversi kuntatti u laqgħat ta' koordinament speċjalment dwar l-ilmijiet tal-għargħar li jintefgħu f'din it-triq li jekk ma jiġux indirizzati sewwa jagħmlu ħafna ħsara kemm fl-għeliewi kif ukoll fl-inħawi tal-madwar.

4.2 Il-Kunsill qabel li jkun hemm *site meeting* mal-kuntratturi Denfar, Maksar kif ukoll tat-TM u l-WSC fil-preżenza tal-Perit tal-Kunsill sabiex jiġu solvuti diffikultajiet u jekk ikun possibli jingħata bidu fuq ix-xogħol tal-bankina.

## 5.0 <u>*Playing field* fi Ġnien R. Caruana – Progress u kontijiet</u>

5.1 Is-Sur Baldacchino qal li qed iżomm kuntatt kostanti mal-fornituri sabiex issir xogħol meħtieġ iżda ma jistax jibda qabel it-28 ta' Ottubru 2014, peress li l-inħawi huma parti importanti fil-ġranet taż-żewġ festi li jiġu ċċelebrati f'Ottubru ġewwa l-Gudja.

## 6.0 <u>Finanzi</u>

6.1 *Petty Cash.* Il-*petty cash* għax-xhur ta' Lulju u Awwissu fl-ammonti ta' €44.73 u €72.14 rispetivmanet ġew approvati.

6.2 Skeda ta' pagamenti. L-iskeda ta' pagamenti 15/7 għax-xahar ta' Awwissu 2014 għas-somma totali ta' €26,450.01 ġiet approvata kif ippreżentata wara li ġew imwieġba xi mistoqsijiet dwar xi ammonti kif murija fl-istess skeda.

6.3.0 Talbiet għal xiri u xogħlijiet.

6.3.1 Il-Kunsill approva xiri ta' servizzi u materjal kif imsemmija aktar 'il quddiem f'dawn l-istess minuti.

6.3.2 Xogħlijiet.

a. Ġnien Ġ Cassar Tax-Xlejli – *pitch.* Ramel fil-*pitch* u attrezzi oħra neċessarji.
b. Funtana – il-funtana għandha tiġi mnadfa u jiġi studjat l-aħjar użu tagħha.
c. Dawl fil-*pitch* fi Ġnien R. Caruana. Għandhu jsir dawl li jaħdem b'timer sabiex ma joħloqx inkonvenjent.
d. Konkos – Triq De Warsbergh – 30pied; Vjal it-Torri – 60pied; Triq il-Lewż – 60pied.
e. Xiri ta' kurduna, xaħx u ramel.

**7.0 <u>Għeluq tal-laqgħa u aġġornament.</u>**

7.1 Kennies – Ħdud u Festi. Fil-ġranet tal-festi u fil-Ħdud ix-xogħol tal-kennies huwa meħtieġ u għalhekk il-Kunsill għandu jeżamina l-kuntratt u jara l-provedimenti dwar dan.

7.2 Ħin tax-xogħol. Il-kuntrattur għandu jiġi nfurmat dwar diversi nuqqasijiet.
a. xogħol ma jibdix qabel is-6.00pm
b. għandu jkun hemm qtugħ tal-ħaxix
c. għandhom jitnadfu d-*dustbins*.
d. Flok persuna waħda għandu jkun hemm żewġ persuni.

Il-Kuntrattur għandu jiġi mwissi li fin-nuqqas li ma jiġux rranġati dawn in-nuqqasijiet il-Kunsill jibda jnaqqas il-ħlas b'10% u jieħu passi oħra kif kontemplati fil-kuntratt.

7.3 Triq Rużar Formosa, il-Gudja. Il-Kunsill qabel li jagħmel ir-rappreżentazzjoni meħtieġa mat-TM sabiex minflokk asfalt isir ċangatura li tmur mal-ambjent ta' waħda mit-toroq antiki ġewwa l-Gudeja. Peress li x-xogħlijiet sejrin isiru mit-TM, il-Kunsill ikun jista' jikseb dak li jixtieq li jikkonserva l-qalba tar-raħal u t-TM ma jżidilhiex in-nefqa tagħha.

7.4 Bdil tal-ajruplan li ġie vvandalizzat u mkisser fil-*Playing field.* Il-Kunsill qabel li jinkiseb stima u jerġa jiġi ordnat dan l-apparat għas-spiża tal-Kunsill.

7.5 Xogħol ta' tiswijiet fil-*Playing Field*. Peress li ħafna mill-ħsarat għadhom taħt ir-responsabiltà tal-kuntrattur il-Kunsill jeżiġi li dawn isiru mill-kuntrattur (inkluż tindif qabel isiru xogħlijiet) qabel ma' l-Kunsill jagħmel il-pagament finali.

## Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45pm u ġiet aġġornata għall-20 ta' Ottubru 2014 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċirkulata lill-kunsillieri kollha aktar 'il quddiem qabel il-laqgħa.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | John Mary Calleja |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Data: ____________________